



Brussell, 31 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2024/0193(NLE)

---

12615/24  
ADD 1

UD 148  
EEE 39

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 333 final ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem I-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku skont l-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 4 rigward ir-regoli tal-oriġini ta' dak il-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 333 final ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2024) 333 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.7.2024  
COM(2024) 333 final

ANNEX

ANNESS

tal-

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt  
stabbilit bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li tistabbilixxi r-rekwiżiti  
ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku skont l-Artikolu 17(4) tal-  
Appendiċi A tal-Protokoll 4 rigward ir-regoli tal-oriġini ta' dak il-Ftehim**

## ANNESS

### [Abbozz] DEĊIŻJONI Nru ... TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

ta' XX XX 2024

**li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġeneralni dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku skont l-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 4 rigward ir-regoli tal-oriġini tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup> ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi,

- (1) Il-pandemija tal-COVID-19 saħħet il-ħtieġa għal ambjent doganali mingħajr karti fil-qasam tar-regoli tal-oriġini u l-biċċa l-kbira tal-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji<sup>2</sup> ("il-Konvenzjoni") ddeċidew li jaċċettaw il-kopji elettroniċi taċ-ċertifikati tal-moviment.
- (2) Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw, żviluppaw sistemi elettroniċi jew sistemi eżistenti adattati biex jibbilanċjaw il-ħtieġa għad-diġitalizzazzjoni bir-rekwiżiti tal-ghamlha taċ-ċertifikat tal-moviment deskritta fir-Regoli tranżitorji tal-oriġini<sup>3</sup> (Appendiċi A tal-Protokoll 4 tal-Ftehim).
- (3) Filwaqt li jqisus l-iżvilupp tas-sistemi doganali elettroniċi, il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jirrikonoxxu li l-provi tal-oriġini fl-ġħamla ta' ċertifikati tal-moviment jenħtieġ li jibbenifikaw minn modernizzazzjoni li tikkonċerna l-ħruġ, it-tressiq u l-verifika tagħhom.
- (4) Mill-1 ta' Settembru 2021 daħal fis-seħħ network ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tranżitorji tal-oriġini fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni, li għamel applikabbi r-Regoli tranżitorji<sup>4</sup>.
- (5) Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jtenu l-impenn tagħhom li jkomplu l-prattiki t-tajba introdotti skont il-miżuri eċċeżżjoni matul il-pandemija tal-COVID-19, jirrikonoxxu l-importanza tal-introduzzjoni tal-mezzi elettroniċi, u jaħdmu flimkien għal sistema komuni bbażata fuq il-provi tal-oriġini elettroniċi u l-kooperazzjoni amministrattiva elettronika fiż-żona pan-Ewro-Mediterranea ("iż-żona PEM")<sup>5</sup>.

<sup>1</sup> ĠU KE L 1, 3.1.1994, p. 3.

<sup>2</sup> ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4

<sup>3</sup> ĠU L 246, 22.9.2022, p. 133

<sup>4</sup> ĠU C, C/2024/1673, 20.2.2024

<sup>5</sup> L-UE, l-Iżlanda, l-Iżvizzera (inkluż il-Liechtenstein), in-Norveġja, il-Gżejjer Faeroe, Iżrael, il-Ġordan, il-Palestina (din id-deżinjazzjoni ma ġħandhiex tiġi interpretata bħala rikonoximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni), l-Albanija, il-Bożnja-Herzegovina, il-Kosovo (din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-status, u hija konformi mal-UNSCR

- (6) Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jqisu li ċ-ċaqliq tal-provi tal-oriġini elettroniċi kif ukoll iċ-ċaqliq tal-kooperazzjoni amministrattiva diġitali fil-qafas tar-Regoli tranżitorji tal-oriġini, jikkostitwixxu l-ewwel passi lejn diġitalizzazzjoni sħiħa tal-provi tal-oriġini fl-iskala taż-żona PEM, speċjalment fid-dawl tad-dħul fis-seħħ li jmiss tal-emenda tal-Konvenzjoni<sup>6</sup>.
- (7) Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE qablu li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 4 tal-Ftehim, fir-rigward tal-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku, u b'hekk il-prodotti oriġinarji għandhom jibbenefikaw minn dawk id-dispożizzjonijiet,

## ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI

### *Artikolu 1*

Rigward l-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 4 tal-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jaqblu li l-provi tal-oriġini msemmija fl-Artikolu 17(1)(a), jistgħu jinħarġu b'mod elettroniku.

### *Artikolu 2*

Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE għandhom jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku meta jitressqu waqt l-importazzjoni, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- a. iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku għandhom għamla simili għall-mudell imsemmi fl-Anness IV tal-Appendiċi A;
- b. l-awtoritatjiet doganali tal-Parti esportatriċi Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jipprevedu sistema online bbażata fuq l-internet biex tiġi verifikata l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku;
- c. iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku għandhom numru tas-serje uniku, u jekk ikunu disponibbli, karakteristiċi tas-sigurtà li bihom jistgħu jiġi identifikati;
- d. id-data minn meta Parti Kontraenti għall-Ftehim ŻEE tibda toħroġ iċ-ċertifikati tal-moviment elettroniċi hija speċifikata fl-avviżi ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (is-serje C). L-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa elettronikament għandha tapplika mid-data indikata f'dawk l-avviżi.

### *Artikolu 3*

Parti Kontraenti għall-Ftehim ŻEE tista' tiddeċċiedi li tissospendi l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku meta l-kundizzjonijiet elenkti skont l-Artikolu 2 ma jkunux issodisfati, u għandha tinforma lill-Parti l-oħra Kontraenti għall-Ftehim ŻEE b'dan minn qabel. L-avviżi msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (d), għandhom jindikaw id-data tal-bidu tas-sospensjoni.

### *Artikolu 4*

---

1244/1999 u l-Opinjoni tal-Qiġi dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo), il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, il-Montenegro, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrainja

<sup>6</sup> ĠU L 390/2024, 19.2.2024

Għall-fini tal-kooperazzjoni amministrattiva skont l-Artikoli 34 u 35 tal-Appendiċi A tal-Protokoll 4 tal-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jistgħu jiddeċiedu li jassistu lil xuxlin permezz ta' mezzi elettroniċi.

*Artikolu 5*

L-avviżi li jindikaw l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje C).

*Artikolu 6*

L-Artikoli 1 sa 5 għandhom japplikaw sad-data tad-dħul fis-seħħi tal-qbil bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE li jintuża ambjent diġitali pan-Ewro-Mediterranju għall-provi tal-oriġini żviluppati mal-Partijiet Kontraenti li japplikaw l-oħra, li bis-saħħha tiegħu l-provi tal-oriġini jistgħu jinħarġu u/jew jitressqu b'mod elettroniku.

*Artikolu 7*

Peress li r-Regoli tranżitorji tal-oriġini għandhom jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħi tal-emenda tal-Konvenzjoni, l-Artikoli 1 sa 6 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jibqgħu japplikaw bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fil-qafas tal-Konvenzjoni sad-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa u/jew imressqa b'mod elettroniku.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fi [ ], diment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE<sup>7</sup>.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi...

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

*Is-Segretarji*

*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

<sup>7</sup>

Mhi indikata l-ebda ħtieġa kostituzzjonali.